**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 17 ta' Gunju 2020;**

**<u>Rikors nru: 115/2020 AGV :</u>**

**ABC**

**Vs**

**DE**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' **ABC** datat 4 ta' Mejju 2020 , fejn ppermettiet u talbet is-segwenti;

1. Illi l-partijiet zzzewwgu fl- 20 ta' Frar 2014.
2. Illi l-partijiet sseperaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fis-16 ta' Gunju 2015, fl-atti tan-Nutar Dr. Silvana Borg Caruana--Dok A;
3. Illi l-partijiet ilhom izjed minn erba' snin separata de facto u legalment, u ma hemm l-ebda prospett regenevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom.

4. Illi ma hemm ebda kwistjonijet pendenti dwar il-manteniment bejn il-partijiet.
5. Illi ghalhekk xi termini tal-Att XIV tal- 2011, l-esponent tixtieq titolb id-divorzju u / jew hall taz-zwieg minn zewgha l-intimat.

Ghaldaqstant, l-esponent titlob bir-rispett lil din Onorabbli Qorti, sabiex prevja kull dikjarzzjoni, li hija mehtiega skont il-ligi;

a. Tiddikjara id-divorzju u/ jew hall taz-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet fl- 20 ta' Frar 2014.
b. Tordna lid-direttur tar-Registru Pubbliku biex jirregistra d-divorzju u/ jew hall taz-zwieg, fir-registru pubbliku.

**Il-Qorti rat ir-risposta ta' DE** datata 10 ta' Gunju 2020 fejn espona;

i.Li permezz ta' dir-risposta huwa qed jaqbel maz-zewg talbiet tar-rikorrenti u jaqbel mal-premessi kollha fir-rikors guramentat.

ii.Illi madankollu ma ghandu jbati l-ispejjez ta' dil-procedura.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**